IX-XGĦAJRA

Minuti tal-laqgħa Nru 10 (Għaxra) tas-Seba' Legislatura tal-Kunsill Lokali tax-Xgħajra li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 17ta' Diċembru, 2013 fid-9.00am

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony R.Valvo |
| Viċi Sindku | Attard Neil |
| Kunsilliera | Borg Mary Doris |
| | Buttigieg Antonia |
| | Azzopardi Joseph |
| | Nicolae Demajo (Ambaxxatur taż-Żgħażagħ) |
| | Residenti |
| **L-Uffiċjal:** | |
| Is-Segretarju | Ranier Busuttil |

1. Item Nru 1 fuq l-aġenda –Kullħadd preżenti

2. Item Nru 2 fuq l-aġenda – Qari tal-Minuti u approvazzjoni tagħhom.

 2.1 Il-Minuti ttieħdu bħala moqrija u approvati unanimament.

 2.2 Minuta 1.1 – Fl-aħħar paragrafu flok "ssir laqgħa mas-" issir "s-Sinjura Doris Borg ġiet inkarigata li tkellem lis-". Kif ukoll tiżdiet il-kelma "li" qabel l-aħħar kelma "hemm".

3. Item Nru 3 fuq l-aġenda – Matters arising

 3.1 Minuta 1.1 – Wara l-meeting mas-Surmast, huwa qal li jrid jagħmel il-home work tiegħu. Dawk it-tfal li ma jlaħħqux tkun tista' tagħmillhom lezzjonijiet privat apparti. Din il-ħaga jridu jkunu involuti wkoll l-għalliema, il-ġenituri u l-Kunsill Skolastiku.

 Hemm żewġ gruppi ta' tfal li mhux ilaħħqu fis-suġġetti li b'kollox jammontaw għal disgħat itfal. Is-Sindku qal li wara laqgħa li kellu huwa mal-kap tal-iskola sar jaf li l-iskola kienet taħt inkjesta.

 Is-Surmast qiegħed jieħu ħsieb jara d-dettalji ta' dan ir-rapport. Is-Surmast sostna li ma jridx jaqla' problemi bejn l-għalliema u l-ġenituri.

Kunsill Lokali tax-Xgħajra
Delle Grazie Batterija
Triq Dwardu Ellul
ix-Xgħajra XJR1360 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX-XGĦAJRA

Għalhekk ġie maqbul li ssir laqgħa formali bejn il-kunsill skolastiku u s-Surmast u l-Kunsill.

3.2 Minuta 3.1 - Rigward it-telefon box għad m'għandnix konferma mingħand il-Pulizija jekk nistgħux inċaqalquha. Jintbgħat reminder.

3.3 Minuta 3.2 - Il-Camera ser titwaħħal kif ikunu lesti t-tabelli li jindikaw li hemm il-camera. Il-Cats eyes li twaħħlu ġodda jidher li twaħħlu sewwa.

3.4 Rigward is-sleeping police li twaħħlet fi Triq iċ-Ċern hemm complaints li din hija baxxa. Is-Sindku qal li din ma tistax issir għolja għaliex tibda tagħmel ħafna storbju.

Rigward il-Playing field Is-Sindku qal li qiegħdin nistennew il-brochure minn għand il-kuntrattur tal-bandli sabiex inkunu nistgħu naraw fuq il-playing area li ġiet diskussa fil-laqgħat ta' qabel.

Fil-Bandli, qiegħed ikollna ħafna żgħażagħ fih bir-roti u qiegħdin ikunu arroganti. Is-Sinjura Doris Borg qalet li tkellmet magħhom u dawn talbu li jkollhom area sabiex ikunu jistgħu joqgħodu bir-roti. Hi ssuġġeriet li tinqala' il-gazebo li hemm fejn il-latrina max-xatt pero' ma kienx hemm qbil li din tiċċaqlaq għaliex fis-sajf tintuża ħafna.

Is-Sindku qal li dak is-sit huwa parti minn Ġnien ix-Xatt u minbarra li huwa użat minn nies ma tagħmilx sens li jsir bicycle park meta jkun hemm nies madwaru minbarra l-istorbju li joħloq lil dawk in-nies li joqgħodu viċin.

Is-Sinjura Buttigieg ilmentat li hemm problema kbira għaliex m'hemmx toilets pubbliċi fejn il-bandli ta' Triq il-Fortizza tal-Grazzja. Is-Sindku qal li ser jiddiskuti ma' xi kuntrattur sabiex jissuplixxina b' mobile toilet għal sena.

3.5 Minuta 3.4 – Is-Sindku qal li kellu laqgħa mas-Sur Anthony Tabone is-CEO ta' Smart City rigward il-madum tal-Knisja li ser jigi jiswa madwar €16,000 bit-tqegħid b'kollox. Wara ħafna diskussjonijiet dan ix-xogħol ġie aċċettat li jsir minn naħa ta' Smart City mingħajr l-ebda ħlas. Ix-xogħol huwa maħsub li jibda f'Jannar wara l-festi.

Kunsill Lokali tax-Xgħajra
Delle Grazie Batterija
Triq Dwardu Ellul
ix-Xgħajra XJR1360 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX-XGHAJRA

3.6 Impjant ta' Barkat – Il-Water Services Corporation ser ittella' laqgħa mal-pubbliku ingenerali nhar it-13 ta' Jannar ġewwa s-sala tal-Knisja sabiex taġġorna lir-residenti minħabba applikazzjoni ġdida li hemm quddiem il-MEPA rigward impjant ġdid għal "polishing" u trattament tad-drenaġġ għal ilma ta' kwalita' li jintbgħat lura lejn Sant Antnin u fuq il-landscaping. Waqt din il-laqgħa pubblika nkunu nistgħu nqajjmu punti fuq x'qed jiġri fl-impjant minħabba l-irwejjaħ u għaliex għadu ma sarx il-landscaping.

3.7 Xogħol minn Trasport Malta – Is-Sindku qal li bagħat lista lill-Ministru Joe Mizzi f'forma ta' email ta' xogħlijiet li kienu responsabbli minnhom Trasport Malta qabel l-elezzjoni u li s'issa għadhom ma sarux. Dan kien hemm commitment mal-Ministru ta' qabel u għalhekk iridu jsiru.

3.8 Bus Shelter–Is-Sindku qal li għandna bżonn inkellmu lil Audrey Testaferrata De Noto sabiex naraw x'possibilta' hemm li jsir Bus Shelter ieħor max-Xatt qabel titla' għal Triq Carmelo Penza u naraw ta' liema materjal irid isir. Idejalment isir tal-ġebel bħal dak li hemm in-naħa l-oħra ta' Dawret ix-Xatt.

3.9 Minuta 3.7 – Is-Sinjura Borg qiegħda tirrimarka li ma kienx hemm qbil qabel fuq kemm ser joħorġu flus , id-delegazzjoni li kienet mistiedna Colletorto għalhekk hi mhux ser tħallas il-€100. Il-Kumplament qalu li dan kien diġa' ġie diskuss tant hu hekk li aċċettajna li nikru Van flok Private u tinqasam l-ispiża.

3.10 Skema ta' Attivitajiet – Is-Sindku qal li il-Kunsill tagħna applika għal din l-iskema fuq żewġ attivitajiet.

3.11 ATM – Minkejja diversi tentattivi mal-Banek kollha lokali s'issa għadna ma kellnix risposta pożittiva. Is-Sur Neil Attard qal li hu tkellem ma persuna Manager f'wieħed mill-banek ewlenin pero' s'issa għadna bla risposta.

4. Item Nru 4 fuq l-Aġenda – Approvazzjoni tal-infieq ta' Novembru u nofs Diċembru

4.1 Il-pagamenti għax-xahar ta' Novembru u nofs Diċembru ġew approvati unanimament.

IX-XGĦAJRA

5. Item Nru 5 fuq l-Aġenda – Xogħol madwar ix-Xgħajra

5.1 Xogħol Madwar ix-Xgħajra- Rigward ir-railing, il-Public Works qiegħdin jieħdu biċċiet minnu u jiggalvanizzawh u jerġgħu jieħdu biċċa oħra. Għalissa saru biss ftit, dawk ta' madwar il-Bus Shelter ta' Dawret ix-Xatt.

5.2 Refreshing tas-Sinjali tat-toroq – Kien hemm qbil li dan l-iffriskar tas-sinjali tat-toroq isir bin-nies tagħna u meta t-temp jippermetti.

5.3 Is-Sur Neil Attard qal li għandna bżonn xogħol fi Triq Sant Elija ta' tarmac minħabba li qiegħed iżomm l-ilma mal-ġenb tat-triq.

5.4 Għandna ħafna complaints rigward l-iskips ta' madwar ix-Xgħajra li qiegħdin fi stat ħażin ħafna speċjalment ta' Triq Karmelo Ritchie u Triq il-Fortizza tal-Grazzja. Irridu ngħidu lil kuntrattur li dan mhux ser ikun aktar ċċcettabbli għaliex qiegħdin jagħtu dehra kerha ħafna.

5.5 Kien hemm qbil li ssir tabella biex ma jitfgħux zibel fi Triq San Gakbu.

6. Item Nru 6 fuq l-Aġenda – Korrispondenza

6.1 Newsletter – Ġie diskuss li għandna nġibu kwotazzjoni ta' Printjar u Disinn ta' leaflet li jkun f'forma ta' A3 mitwi. Għandna bżonn nipprintjaw 500 kopja. B'hekk inkunu nistgħu nirreklamaw anke attivitajiet u xogħol li jkun qiegħed isir matul il-perjodu.

.

7. Item Nru 7 fuq l-Aġenda – Attivitajiet Kulturali

7.1 Singers Talent Show – Is-Sur Neil Attard qal li s'issa għandna 15 il-diska li ser ikantawhom tfal mix-Xgħajra imbagħad it-tfal tal-iskola Primarja ser itellgħu play u jkollna wkoll zfin mil-grupp ta' Charlene Grange u mużika mil-Grupp tal-Iscouts. Din l-attivita' ser tittella' nhar id-19 ta' Diċembru mis-7pm il-quddiem.

8. Item Nru 8 fuq l-Aġenda – Affarijiet oħra

8.1 Is-Sindku qal li l-arbli li twaħħlu minn tal-GO fi Triq il-Fabbriki issa nqalgħu minħabba li dawn kienu bla permess tal-Kunsill.

Kunsill Lokali tax-Xgħajra
Delle Grazie Batterija
Triq Dwardu Ellul
ix-Xgħajra XJR1360 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX-XGĦAJRA

8.2 Is-Sur Valvo qal li ir-restaurant El Catalan għamel tinda li ser tibqa' mwaħħla għal żmien il-Milied sas-6 ta' Jannar. Għal dan iż-żmien il-Kunsill mhux ser ikollu problema basta li mbagħad isir ftehim fuq manutenzjoni taċ-ċint madwar il-bandli li għandu jieħu ħsiebu l-El Catalan.

Għalhekk ser issir ittra biex infakkruh l-affarijiet li hu responsabbli għalihom biex jieħu ħsiebhom kif obbligat.

8.3 Is-Sindku qal li bħas-snin ta' qabel, nhar is-27 ta' Diċembru ser isir it-thanks giving party filgħaxija li ser ikun sponsorjat parzjalment minnu stess.

8.4 Is-Sinjura Doris Borg staqsiet fuq it-tizjin tal-Milied madwar ix-Xgħajra. Is-Sindku qal li dik kienet Direct Order. Il-postijiet dekorati ser ikunu Triq il-Knisja, Triq San Gakbu u r-roundabout ta' Triq il-Fortizza tal-Grazzja. Intqal ukoll li għandna naraw kif il-ħaddiema tagħna jagħmlu numru ta' dekorazzjonijiet bħal stilel u qniepen u kull sena nkunu nistgħu nużawhom madwar triqat varji tax-Xgħajra ħalli nwasslu dawn id-dekorazzjonijiet fi triqat li s'issa qatt ma kellhom tiżjin.

8.5 Kwotazzjoni tal-Live Streaming – Is-Segretarju qal li rċevejna kwotazzjoni waħda biss mingħand Smart Technologies Ltd. Il-Kunsill evalwa din il-kwotazzjoni u qabel unanimament li napprovaw din il-kwotazzjoni u nitkellmu magħhom biex naraw meta nistgħu nibdew u x'ser ikollna bżonn.

9. Item Nru 9 fuq l-Aġenda – Aġġornament

9.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għat-Tlieta, 28 ta' Jannar, 2014 fil-5.30pm

____________________________ ____________________________

Segretarju Eżekuttiv Sindku

Kunsill Lokali tax-Xgħajra
Delle Grazie Batterija
Triq Dwardu Ellul
ix-Xgħajra XJR1360 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX-XGHAJRA

Kunsill Lokali tax-Xgħajra
Delle Grazie Batterija
Triq Dwardu Ellul
ix-Xgħajra XJR1360 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt